MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1161/2007

**PLAZA CENTRES P.l.c** (C564)

**vs**

Avukat Dr Martin **Fenech** u P.L. Doreen **Aquilina**, li b'degriet tat-28 ta' Novembru, 2007, inħatru Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta' IGH Management Services Ltd. (C 39571)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-7 ta' Novembru, 2007, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissrin, tablet li din il-Qorti,

1) Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta' rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta rikorrenti fl-ammont ta Lm5,309.09 rappreżentanti import ta' kera u *common area maintenance* tal-fond fis-sitt sular tal-Plaza Centres, suite TRL 6, Bisazza Street, Sliema u dan kif indikat fl-*istatement of account* hawn anness u mmarkat Dokument "PC5"; u

3) Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' Lm5,309.09.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimati Kuraturi Deputati biex jidhru għas-soċjeta' intimata li naqsu li jidhru għas-smigħ jew li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet deddotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fir-Rikors u dan billi;

1) Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;

2) Tiddikjara li l-kumpannija intimata hija debidriċi tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u sitta u sittin ewro u ħamsa u tmenin (euro) ċenteżmi (€12,366.85) – li jġibu s-somma ta' Lm5309.09 fil-flus ta' qabel imsemmija fir-Rikors Maħluf – rappreżentanti l-import ta' kera u *common area maintenance fees* dovuti minnha lill-kumpannija rikorrenti;

3) Tikkundannaha tħallas lill-kumpannija rikorrenti l-imsemmija somma ta €12,366.85.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mis-7 ta' Novembru, 2007 sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------